MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 832/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**CHARLTON DIACONO**

**(ID: 27789M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHARLTON DIACONO** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27789(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-16 ta’ Lulju, 2009, ghall-habta tas-sitta ta’ filghodu (06:00hrs) gewwa Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla waqt li kien qed isuq jew fil-pussess ta’ vettura ta’ ghamla Suzuki Alto bin-numru tar-registrazzjoni BBP864;

1. Saq l-imsemmija vettura b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza

2 B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi involontarji ta’ natura gravi lil Carmelo Tabone skond ma ccertifika Dr. Rene Camilleri M.D. ta’ l-Isptar San Luqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena li jidrilha xierqa tapplika wkoll skwalifka minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. FA1 a fol. 5 u fedina penali mmarkata bhala Dok. FA2 a fol. 6 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi nhar id-19 ta' Ottubru, 2012 xehed **Robert Bugeja** u spjega li ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati qieghed jesebixxi Nota tal-Avukat Generali kif ukoll Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Audrey Demicoli rigwardanti persuna li giet imtajjra minn vettura fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla nhar is-16 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tas-sitta u nofs (6:30), liema process verbal gie mmarkat bhala Dok. RB.

Illi minn ezami ta' dan il-Proces Verbal hemm esebita r-relazzjoni tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg liema relazzjoni hija mmarkata bhala Dok. MB.

Illi bhala konkluzjoni dan l-espert jirrileva s-segwenti:-

a. Illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Maruti mudell 800 bin-numru ta' registrazzjoni BBP-864 madwar hamsin (50) kilometru fis-siegha izda mhux izjed minn sittin (60) kilometru.
b. Illi huwa laqat lil Carmel Tabone fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla b'velocita ta' bejn hamsin u sittin kilometru fis-siegha.
c. Illi Tabone kien qed jaqsam minn naha tax-xellug tat-triq ghan-naha tal-lemin. Huwa kien lahaq ghamel biss zewg passi fit-triq meta gie milqut bil-quddiem tal-vettura fuq in-naha tax-xellug. B'hekk Tabone habat rasu mal-windscreen u spicca habat rasu mal-art. Bid-daqqa gie mormi fuq in-naha tax-xellug tal-vettura ghal mal-art.
d. Illi fil-vicinanzi hemm zewg *pedestrian crossings.*
e. Illi l-vittma xehed quddiem l-espert pero' ma ftakar xejn dwar id-dinamika tal-incident.
f. Illi l-imputat quddiem dan l-espert jghid li appena ra lill-vittma jaqsam ghafas il-brejk u dan kien proprju meta' wasal kwazi hdejh.

Illi nhar id-19 ta' Ottubru, 2012 xehed l**-Ispettur Fabian Fleri** u spjega li fis-16 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6:30hrs) il-Pulizija ta' Bormla giet infurmata li go Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla kien ghadu kemm ittajjar persuna. Biex il-Qorti tifhem ben tajjeb ix-xhud spjega li t-Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla hija n-nizla ezatt ta' fejn l-Ghassa ta' Bormla. Il-Pulizija hargu mal-ewwel mill-Ghassa u rrizulta li persuna certa Charlton Diacono li x-xhud gharaf prezenti l-Qorti bhala l-imputat, kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBP-864 tal-marka Suzuki Alto u dan kien tajjar persuna li kien qed jaqsam it-triq min-naha tal-Ghassa ghan-naha l-ohra, ghan-naha ta' fejn hemm l-ATM tal-Bank of Valletta.

Is-Surgent li mar fuq il-post u cioe' PS 1577 Silvio Magro kien infurmah mill-ewwel ghax il-persuna li giet imtajjra li kien certu Carmel Tabone kien qieghed fil-periklu tal-mewt. Huwa b'hekk kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa u cioe’ lill-Magistrat Dr Audrey Demicoli fejn ordnat li ssir inkjesta u hatret bhala esperti lill-Perit Richard Aquilina, lis-Sur Mario Buttigieg u s-Sur Philip Zammit u kien hemm ukoll PC 6 Duncan Demicoli min-naha tal-forensika tal-Pulizija. Huwa wkoll kien acceda fuq il-post flimkien mal-esperti sakemm dawn ghamlu l-inkarigu taghhom u mbaghad tnehhiet il-vettura minn nofs. Huwa esebixxa Rapport tal-Pulizija rigwardanti dan l-incident. Ir-Rapport tal-incident li kien imhejji minn PS 1577 Silvio Magro dakinhar stess cioe' fis-16 ta' Lulju, 2009, li gie mmarkat bhala Dok. SM1. Ipprezenta wkoll certifikat mediku tal-griehi li garrab is-Sur Carmel Tabone li gie mmarkat bhala Dok. SM2. Il-griehi kienu ta' natura gravi.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk hu marx fuq il-post u huwa spjega li iva kien mar fuq il-post. Mistoqsi jekk fejn sar l-incident hemmx *zebra crossing* huwa spjega li le m’hemmx. Mistoqsi jekk hemmx ftit ‘il fuq jew ftit l-isfel huwa spjega li le m’hemmx. Mistoqsi jekk rax ir-rapport tal-Inkjesta fejn jghid li ftit l-isfel hemm ukoll *zebra crossing* fil-fatt jghid li hemm tnejn (2), huwa spjega li minghalih izjed ‘il fuq seta’ kien hemm pero’ ma jiftakarx li hemm wahda n-naha t’isfel. Mistoqsi jekk jiftakarx imma li kien hemm *zebra crossing* huwa spjega li minghalih qieghda diversi metri iktar il-fuq.

Illi meta’ l-vittma **Carmel Tabone** gie mitlub jispjega fl-atti tal-inkjesta x’gara fis-16 ta' Lulju, 2009, fejn kien u x’jiftakar. Jinghad li meta’ xehed

quddiem l-espert nominat mill-Qorti nhar is-27 ta’ Awwissu 2009 hames gimghat wara li sehh l-incident huwa ma ftakar xejn ghaliex jghid li kien tilef il-memorja bid-daqqa.

Pero’ meta’ mitlub jixhed il-Qorti nhar id-19 ta’ Ottubru 2012 u cioe’ ghalhekk erba’ (4) snin wara huwa jispjega s-segwenti. Spjega li huwa kien Bormla, ipparkja x’imkien lejn l-Ghassa. Kienu xi s-sitta u kwart (6.15) , is-sitta u ghoxrin (6.20) jew is-sitta (6:00). Kien sebah, dak iz-zminijiet ikun ga jisbah. Huwa sakkar il-vann u kien fuq il-bankina u mbaghad minn hemm sab ruhu l-isptar. Mistoqsi jiftakarx jekk harisx qabel qasam huwa wiegeb illi kien hares ‘il fuq u ‘l isfel. Mistoqsi jekk rax vetturi gejjin huwa spjega li vetturi min-naha t'isfel ma kienx hemm zgur. Mistoqsi rigward il-vetturi min-naha ta' fuq huwa spjega li min-naha ta' fuq kienu pjuttost il-boghod. Mistoqsi jekk jafx kemm dam l-isptar huwa wiegeb li fl-1 ta' Settembru qam fis-sala. Mistoqsi jekk jafx f’liema sala kien spjega li kien f’*Neurosurgical Ward*. Mistoqsi wkoll xi griehi kien sofra f'dan l-incident huwa spjega li ghandu rasu mifqugha, ghandu diversi punti fil-hanek, feriti fil-geddum, fi spalltu u ghandu l-id il-leminija ma jistghax jgholliha 'l fuq.

Mistoqsi kemm dam b'kollox biex johrog mill-isptar huwa spjega li minghalih fl-ahhar t'Ottubru tal-istess sena tal-incident. Sussegwentement kienu ha jibghatuh Boffa ghat-terrapija u filfatt kien imur bil-*wheelchair* l-isptar Boffa bil-vann. Mistoqsi jekk hux qed isofri minn xi ammont ta' dizabilita' b'dan l-incident huwa spjega li iva zgur f’idu. Mistoqsi jekk ghandux xi persentagg huwa spjega li ghandu dizabilita’ ta’ *twenty-one percent* (21%), *twenty-two percent* (22%).

Mistoqsi jekk illum ghadux ibghati l-konsegwenzi ta' dan l-incident huwa spjega li ma jistax jghawweg saqajh. Mistoqsi jekk fis-sena elfejn u disgha (2009) kienx jahdem huwa spjega li iva kien jahdem fil-*maintenance*. Mistoqsi jekk setghax ikomplih dak ix-xoghol wara l-incident huwa spjega li le issa qieghed *factory handyman*.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk hu ghamilx *claim* mal-*insurance* wiegeb li le s'issa ghadu ma fittex lil hadd ghax dejjem qalulu li ha jircievi minghand il-Pulizija. Mistoqsi jekk lilu mill-*insurance* kellmux xi hadd jew jekk kitibx b'avukat lil tal-*insurance* spjega li le ma ghamel xejn minn dan. Mistoqsi jekk jafx li hemm *insurance* sabiex taghmel tajjeb ghad-danni tieghu spjega li lanqas qalulu xejn.

Ix-xhud qal li huwa mill-Gudja. Mistoqsi li la hu mill-Gudja u l-incident sar Bormla fis-sitta u kwart ta' filghodu (6:15hrs) jekk hux familjari ma' dawk in-nahat huwa wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk kienx jaf li minn fejn kien qed jaqsam m’hemmx *zebra crossing* jghid li ma kienx hemm *zebra crossing*. Mistoqsi jekk jafx jekk hemmx *zebra crossing* fil-vicinanzi la hu familjari mal-post, huwa spjega li le m’hemmx *zebra crossing* fl-akkwati. Mistoqsi jekk ma' dik in-naha tal-bankina mitejn (200) metru 'l-boghod jew inkella mija u hamsin (150) metru 'l-boghod kienx hemm *zebra crossing* wiegeb illi ma jafx, ma jiftakarx. Mistoqsi jekk hux familjari mal-post jew le u jafx li hemm zewg (2) *zebra crossings* wiehed il-fuq u wiehed l-isfel huwa spjega li le m’hemmx, ghadu kemm ghadda ma hemmx.

Mistoqsi jekk dak il-hin li qasam kienux gejjien karozzi apparti tieghu huwa spjega li hu ma kienx bil-karozza. Mistoqsi jekk min-naha tieghu kienux gejjin karozzi ohrajn apparti tieghu, fis-sitta u kwart ta' filghodu (6:15am), spjega li mhux daqstant. Mistoqsi jekk il-karozzi kinux wahdiet huwa spjega li hekk jimmagina. Mistoqsi x'kien ix-xahar huwa spjega li kien Lulju. Mistoqsi jekk dakinhar ix-xemx kinitx telghet huwa spjega li iva sebah sew. Mistoqsi jekk la kien hemm ix-xemx hu setghax jara l-karozzi gejjin huwa spjega li seta'. Mistoqsi jekk min-naha li kien gej hemmx tul, hemmx triq twila jew hemmx xi kantuniera fil-vicin wiegeb li hemm bicca twila. Mistoqsi jekk hux minnu li fil-mument li kien qed jaqsam fl-ebda hin ma hares lejn in-naha tieghu biex jara jekk hux gejjin karozzi jghid li zgur li hares lejn iz-zewg nahat. Mistoqsi jekk hu harisx u qasam huwa spjega li hares lejn iz-zewg nahat. Mistoqsi jekk rax lill-imputat gej u qasam xorta  spjega li hu kien mal-bankina u li kieku rah gej ma kienx jaqsamlu. Huwa stqarr illi kieku ma kienx se jissogra jaqsam. Mistoqsi jekk hux minnu li l-incident sar taht il-bankina meta kien ghadu kemm inizzel siequ fit-triq  jghid li mhux minnu. Mistoqsi jekk jaqbilx li ma rax karozzi spjega li kien ra karozzi izda kienu ghadhom 'il fuq.

Illi nhar it-23 ta' Novembru, 2012 xehed il-**Perit Richard Aquilina** u kkonferma r-relazzjoni tieghu u appuntu l-kontenut taghha u m'ghandu xejn x'ibiddel jew izid fil-konkluzjoni hemm imsemmija (fol. 13). Huwa ghamel pjanta tal-post tal-incident u ndika fejn kien hemm roqgha demm kif ukoll il-karozza bin-numru BBP 864, dak kien l-inkarigu tieghu. Mistoqsi jekk ghal li jista' jkun innutax xi *zebra crossing* f'dik l-*area*, forsi ha noti taghhom kemm kienu l-boghod minn hemmhekk huwa spjega li le ma nnutahomx. Jghid li *zebra crossings* fil-pjanta ma hemmx indikat. Mistoqsi jekk hux qeghdin izjed il-boghod huwa spjega li ma jidhirlux li

qeghdin il-boghod wisq minn dan il-post, ma jiftakarx ezatt imma jidhirlu li fil-vicinanza hemm xi haga.

Illi nhar it-23 ta’ Novembru 2012 il-Perit Richard Aquilina kien gie nominat minn din il-Qorti diversament preseduta sabiex ikejjel id-distanza bejn il-post tal-incident u l-eqreb *pedestrian crossing*.

Illi nhar is-16 ta’ Mejju, 2014 xehed il**-Perit Richard Aquilina** u spjega li **kien** qed jesebixxi relazzjoni adizzjonali li l-Qorti mmarkat bhala dokument RA1 u dana sabiex huwa jindika l-*pedestrian crossing* li hemm qrib tal-post tal-incident.

Illi nhar id-29 ta’ Lulju, 2013 xehed **Dr. Michael Spiteri M.D**. u spjega li skond in-noti tad-Dipartiment tal-Emergenza s-Sur Tabone Carmel kien iddahhal fid-Dipartiment tal-Emergenza nhar is-sittax (16) ta' Lulju, tal-elfejn u disgha (2009).

Skond in-noti li ghandu x-xhud il-pazjent kien allegatament intlaqat minn vettura waqt li hu kien miexi. Kien iddahhal l-isptar, kien konfuz u agitat u kellu sinjali ta' *injuries* f'rasu. Spjega li esternament kien jidher li kellu lacerazzjoni fin-naha tax-xoffa ta' fuq u xi abrazzjonijiet. Meta sar CT Scan dakinhar is-CT Scan wera li kien hemm tbengil u daqqiet fuq il-mohh fuq in-naha tax-xellug in-naha ta' dak li huwa maghruf *frontotemporal region*. Kien hemm ksur ukoll fuq in-naha tal-*maxillery sinus* tax-xellug u dan kien ukoll mimli bid-demm. Hemm kien hemm ukoll xi tbengil zghir fuq iz-zewg pulmuni. Ma jidhirx li kien hemm xi

*injuries* ohra fuq is-CT Scan. Peress li l-pazjent kien konfuz u agitat kellu bzonn jinghata l-loppju hemm u ghaldaqstant kien iddahhal fid-Dipartiment tal-Kura Intensiva wara l-ezamijiet li saru fid-Dipartiment tal-Emergenza. Huwa spjega li meta gie mistoqsi jekk dawn il-griehi jigux ikklassifikati bhala serji minhabba l-fatt illi kien hemm ksur huwa kklassifikahom bhala serji. Huwa gie mitlub sabiex jesebixxi dawk id-dokumenti u kkonferma li huma kopji tal-original u li ghamilhom hu. Huwa esebixxa vera kopja tal-originali li gew immarkati bhala Dok. SM 1.

Illi nhar it-3 ta’ Settembru, 2013 xehed **Dr. Rene’ Camilleri M.D.** u gie muri certifikat li qieghed a fol. dsatax (19) tal-process u spjega li kien ezamina lis-Sur Carmel Tabone nhar is-sittax (16) ta' Lulju, tal-elfejn u disgha (2009) ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (7:30am). Bhala griehi kellu lacerazzjoni fuq geddumu ta' zewg (2) centimetri, lacerazzjoni fuq ix-xoffa ta' wiehed punt hamsa (1.5) centimetri, abrazzjoni fuq imniehru ta' madwar zewg (2) centimetri u abrazzjoni fuq dahru. Kienu hadulu CT Scan u sabu li kellu kontuzjoni gewwa rasu jigifieri fuq il-mohh u ksur ta' *sinus* minnhom tal-*maxillary sinus* fuq in-naha tax-xellug u bhala natura tal-griehi kien iddeskriviehom bhala natura gravi. Mistoqsi jekk jafx wara li ezaminah hu giex operat jew inkella gie riferut lil xi *ward* partikolari tal-isptar huwa spjega li ma jiftakarx pero' kazijiet bhal dawn soltu jdahhluhom ghall-osservazzjoni zgur. Mistoqsi jekk qattx rega’ rah wara dan il-pazjent huwa spjega li le.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk hu jistghax jghid meta fieq spjega li ma jistghax jghid dwar dan.

Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2014 xehed l-**Ispettur Silvio Magro** u ddikjara li dak iz-zmien kien ghadu Surgent bin-numru 1577. Huwa kkonferma r-rapport li qieghed a folio minn erbatax (14) sa tmintax (18) tal-process immarkat bhala Dok. SN1 u gharfu bhala r-rapport li ghamel hu u kkonferma l-kontenut tieghu. Mistoqsi jekk il-verzjonijiet nizzilhomx kollha fir-rapport huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk dan huwiex il-prova ta' kollox huwa spjega li ta' dak li ra hu wkoll.

Rat il-verbal tat-3 ta' Settembru, 2013 fejn l-Ufficjal Prosekutur b'referenza ghall-kwezit a) tan-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 2 ta' Settembru, 2013 talab lill-Qorti sabiex tahtar espert mediku sabiex jezamina l-file mediku ta' Carmelo Tabone relattivament ghal dan l-incident, kif ukoll jezamina lill-istess Carmelo Tabone sabiex:

(i) jiddikjara jekk il-griehi sofferti minn Tabone humiex lezjonijiet li kkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem;

(ii) kif ukoll it-tul ta' zmien ghall-fejqan ta' dawn il-griehi.

Rat illi l-Qorti diversament preseduta laqghat it-talba u hatret lil Dr. Mario Scerri bhala espert mediku bl-inkarigu kif stipulat fit-talba tal-Prosekuzzjoni u wara jirrelata bil-miktub lil din il-Qorti bis-soliti fakoltajiet inkluzi dawk tal-fotografija.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2014 xehed **Dr. Mario Scerri** u spjega li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha tat-tlieta (3) ta' Settembru, elfejn u tlettax (2013) u dan sabiex jezamina lil Carmelo Tabone. Spjega li fil-fatt huwa ezamina lil Carmelo Tabone u esebixxa r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni giet immarkata bhala Dokument MS u jghid illi huwa kien ezaminah u ra wkoll l-istorja medika tieghu. Tabone kien iddahhal l-isptar Mater Dei ghax kien qed isofri minn *head injury*, kellu *heamorrhages* f'mohhu, kellu frattura tat-*tibial plateau* u kellu wkoll involviment tan-nervituri fuq iz-zewg nahat. Dam l-isptar madwar tlett (3) xhur. Minnhom fil-fatt ghamel zmien twil l-ITU u kellha ssir *tracheotomy* u fil-fatt ghandu ferita fuq l-aspett anterjur tal-ghonq liema marka hija permanenti. Spjega wkoll li ghandu cikatrici fuq in-naha ta' fuq u t'isfel tax-xoffa. M'hemmx dubju li din ic-cikatrici hija rizultat ta' *blunt trauma* kawza ta' dan l-incident u spjega li din tidher sew *within talking distance*. Il-frattura fit-*tibial plateau* tikkawza wgiegh lill-vittma meta jkun bil-wieqfa. *Flexion* ghandu ta' *hundred degrees* biss u ghalhekk meta tkun il-kesha u umdita' jwegga' hafna. Kellu l-*ulnar nerve intractment* taz-zewg nahat tal-idejn tax-xellug aktar minn tal-lemin u ghalhekk wara li gie rilaxxat mill-isptar rega' gie operat ghalihom u ghalkemm il-kundizzjoni mmeljorat pero' jibqa' permanentement bi problemi ta' sensi f'idejh. Spjega li fil-fatt huwa dam bil-krozzi xi sitt (6) xhur u fil-fatt mar lura ghax-xoghol wara hdax (11)-il xahar.

Illi fl-atti tal-inkjesta kien xehed ukoll PC 1496 Godwin Farrugia u dan nhar is-16 ta' Lulju 2009 ftit wara li kien sehh l-incident u jghid li l-incident ma rahx isehh pero' kien sema hoss u hareg mill-Ghassa u ra persuna mimdud wiccu l-isfel. Huwa ghalhekk kien ghalaq l-akkwati sabiex isir aktar stharrig.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-17 ta' Novembru, 2014 (fol. 127) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fis-17 ta' Novembru, 2014 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kell oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-atti tal-inkjesta a tempo vergine tal-investigazzjoni l-imputat **Charlton Diacono** kien xehed quddiem l-espert tat-traffiku nominat mill-Qorti u cioe' PL Mario Buttigieg. Jghid u dan proprju dakinhar ta l-incident meta allura l-memorja tieghu kienet ghadha friska, li l-ewwel darba li ra lill-imputat kien meta kien distanza ta' xi erbgha metri u nofs il-boghod minnu. Rah ihares l-isfel u qasam. Huwa minnufih ghafas il-break. Jghid ukoll li kif qasam kien kwazi wasal hdejh.

Illi nhar it-12 ta' Jannar, 2015 xehed l-imputat **Charlton Diacono** minn jeddu u b'mod volontarju u spjega li jiftakar li fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (06:30hrs) huwa kien sejjer lejn il-Kalkara. Kien gej mid-direzzjoni ta' Bormla. Fil-fatt kien se jghaddi ghat-tfajla biex iwassalha ghax-xoghol.

Spjega illi dak il-hin fil-fatt kien ghadu jbexbex. Spjega illi meta' wasal hdejn il-bankina tal-Ghassa ta' Bormla kien hemm ragel li kien qed jigri fuq il-bankina u x'hin fettillu meta wasal hdejh qabad u qasam. Spjega li effettivament huwa qasam meta kien xi zewg passi boghod minnu. Il-velocita' li kellu kien xi tletin (30) kilometru fis-siegha. Spjega illi fil-fatt dan ir-ragel kien liebes skur. Mistoqsi jekk setghax jaqsam minn x'imkien iehor spjega li naqra 'l fuq kien hemm *zebra crossing*. Naturalment huwa laqtu pero' mal-impatt waqaf. Effettivament kien taht il-bankina. Mistoqsi jekk kellmux spjega illi le ma kellmux dak il-hin u spjega li fil-fatt il-pulizija minnufih hargu mill-ghassa. Mistoqsi jekk il-pulizija kellmuhx spjega li iva fil-fatt kellimhom u qallu dak id-diskors li ghadu kemm spjega lill-Qorti.

Huwa kien qed isuq karozza tal-ghamla Suzuki Alto. Id-dawl pero' f'dik il-parti tat-triq kien tajjeb ukoll. Fil-karozza huwa kien wahdu. L-gharusa tieghu kienet tibda x-xoghol fis-sebgha.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li l-gharusa tieghu kienet tahdem xoghol il-Papillon gewwa l-Imsida. Mistoqsi jekk il-pulizija qalilhomx li kien hemm ragel qed jigri jew jekk dan ir-ragel qabadx u tfacca minn quddiemu spjega li ezatt, ezatt x'qal lill-pulizija ma jafx. Pero' f'dak il-hin lanqas jaf ezattament x'kien qed jigri wara l-accident.

Mistoqsi jekk jiftakarx li huwa kien xehed quddiem l-espert tal-Qorti Mario Buttigieg spjega li jiftakar li kien kellmu xi hadd pero' ma jafx min hu. Huwa kkonferma li meta qasmet il-persuna kienet qieghda tigri.

Ikkonferma li l-ewwel darba li rah kien xi erba’ (4) metri ‘l boghod minnu pero’ meta qasam kien zewg piedi ‘l boghod minnu.

Illi nhar is-17 ta’ Frar 2015 deher l-imputat u l-avukat difensur tieghu u tratta l-kaz. Ghall-Prosekuzzjoni deher ukoll l-Ispettur Carlos Cordina.

Il-kawza ghalhekk giet differita ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ikkunsidrat.

Illi ma hemmx dubju u dan mhux kontestat li l-incident awtomobilistiku sehh nhar is-16 ta’ Lulju 2009 gewwa Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla meta’ l-imputat li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Maruti 800 numru ta’ registrazzjoni BBP-864 kien qed isuq lejn il-Kalkara ghaddej minn Bormla sabiex imur jigbor it-tfajla tieghu. Dwar dan ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni. Jidher ukoll li mhux kontestat li l-imputat habat u investa fil-persuna ta’ Carmel Tabone u kkagunalu feriti ta’ natura gravi kif deskritti mit-tobba li xehdu aktar il-fuq u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni lanqas.

Illi pero’ dwar id-dinamika tal-incident jidher li hemm nuqqas ta’ qbil u dan ghaliex id-difiza qed tghid li l-allegat vittma qabad u qasam bla ma ha l-prekawzjoni necessarja sabiex jaqsam fi triq ewlenija waqt li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien qed isuq b’velocita’ u

b'manjera negligenti, traskurata u perikoluza b'dan illi l-imputat baqa' diehel u laqat lil Tabone meta dan kien ser jibda jaqsam it-triq.

M'hemmx dubju li l-incident sehh vicin il-bankina meta dan Tabone kien bil-kemm ghadu ghamel zewg passi. Jidher li fil-vicinanzi kif tajjeb ikkonferma l-perit nominat mill-Qorti hemm zewg *zebra crossings* wahda aktar 'il fuq minn fejn sehh l-incident u l-ohra aktar 'l isfel pero' dejjem fl-istess triq kif indikat fil-pjanta esebita a fol 17 tal-inkjesta redatta mill-perit Richard Aquilina. Jidher ukoll li l-incident sehh kmieni fil-ghodu ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu (5.30hrs) meta kien ghadu qed ibexbex u karozzi fit-triq ma jirrizultax li kien hemm apparti din mertu tal-incident.

Ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti tispjega x'inhuma kemm l-obbligi ta' *pedestrian* li jkun fi triq u wasal sabiex jaqsam kif ukoll x'inhuma l-obbligi ta' xufier li jkun ghaddej fi triq ewlenija.

L-incident in kwistjoni jikkonsisti f'investiment ta' *pedestrian* minn vettura li kienet qed tigi misjuqa fi triq principali fuq in-naha t-tajba tat-triq, u f'materja ta' *running down cases* huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet ta' dritt, apparti l-ovvju li l-*pedestrian* irid joqghod attent ghal fejn ser jaqsam, kif ser jaqsam u meta ser jaqsam.

Il-paragrafu 13 tal-Malta Highway Code jirrakkomanda:

"*Pedestrians have responsibilities for the proper use of the road. They may be liable for the consequences to themselves or to others through their failure to observe the Highway Code.*"

Il-paragrafu 18 jghid:

"*Remember that the carriage way is first and foremost meant for the circulation of vehicles.*"

Il-paragrafu 21 jirrakkomanda:

"*Before you cross, stop at the kerb, look right, look left and right again. Do not cross before the road is clear. Then cross in the shortest line keeping a careful lookout all the time… complete the crossing only when the road is clear.*"

Illi l-gurisprudenza nostrana stabbiliet ukoll certi kriterji li jirrelegaw ir-responsabbilita' reciproka tal-*pedestrian* u tas-sewwieq. Di fatti gie ritenut li l-*pedestrian* ghalkemm ghandu d-dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti, dan ma jassolvix lid-*driver* tal-karozza milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dan kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-*pedestrian* krejata lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu emergenza subitanea, imprevedibbli li rrendiet

impossibbli jekk mhux ragonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evasiva (vide Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v J. Formosa*** - Vol. XLIII pt. iv; pg. 1023).

Hawnhekk ukoll il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Thornton** *deciza nhar it-tmintax ta' Marzu, 1961* fejn kien gie deciz li:

"*Jekk il-pedestrian ma jaghmel ebda att li bih qieghed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli bhal meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lil konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat u johloq emergenza subitanea, id-driver ma jistax jallega b'difiza tieghu jekk jigi f'kollizzjoni ma' dak il-pedestrian il-fatt li dan kien fil-karreggjata*."

Dan il-hsieb gie wkoll elaborat fis-sentenza moghtija *nhar* it-tlettax ta' Jannar, 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Wisq Nobbli Markiz A. Cassar Desain**, fejn gie deciz li:

"*Meta ma hux il-kaz ta' pedestrian li jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfacca ghall-gharrieda minn wara xi vettura ohra, jew li johrog minn xi kurva tat-triq, jew li jitfacca ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza, u kazijiet simili d-driver li jinvesti lil dak il-pedestrian ma jistax jinkolpah u jitfa fuqu l-htija ghall-investiment.*"

Mill-banda l-ohra, ix-xufier ukoll ma jistax jinjora l-presenza fit-triq ta' *pedestrians* li minn hin ghal hin jaqsmu t-triq quddiemu. Ghalhekk irid joqghod attent f'kull hin ghal qsim ta' *pedestrians* minghajr ma jikkreja ncidenti. Huwa dover ta' *driver* li jzomm *proper look out* u *to see what is in plain view* (vide Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Vella** deciz fl-ghaxra ta' Awissu, 1963).

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja v Marthese Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Krminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu, 1990, l-istess Qorti qalet li:

"*Dak li jikkostitwixxi proper lookout ivarja minn kaz ghal iehor. Imma l-principju generali huwa wiehed. Sewwieq ghandu jkun f'posizzjoni li jirreagixxi ghal azzjoni jew agir sorprendenti li jista' jitfacca fit-triq. Dan hu dettat mill-prudenza u l-ligi.*"

Issa b'referenza ghall-akkuza principali moghtija mill-Prosekuzzjoni l-Qorti trid tara x'inhuma l-obbligi tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat. Ir-risposta tohrog mil-ligi u senjalment mill-**Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9**. Dan jimporta illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dan odjern li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz ir-regolamenti tat-traffiku.

Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x'kienet il-kawza prossima

tas-sinistru (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti** (Kollez. Vol. XXXVII, iv. p. 1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizjoni (App. Krim. **Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef** [3.12.1960]). F'dan il-kaz indubjament il-manuvra inkonsulta ghall-ahhar tal-vittma li taqbad u taqsam triq principali meta l-lights kienu ghadhom hodor minghajr esplorazzjoni tajba tat-triq id-dritta ghal traffiku gej mill-faccata, kienet il-kawza prossima w determinanti tal-incident.

**L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar feriti involontarji bl-applikazzjoni tal-Artikolu 226 tal-istess Kap jghid hekk:

"*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinstab hati, .......*".

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju (u konsegwentment anke fil-kaz ta' feriti ta' natura gravi), hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita` minn akkadut dannuz involontarju*".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo,** fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… *kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali*".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b'"*leggerezza*" jew "*sconsideratezza*" u kif jghid **Antolisei,** "*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*"

U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano,

"*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela*."

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg** et, fuq citata inghad illi:

"*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".

Skond l-imsemmija sentenza, *"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni."* Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vehicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care –whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

Abbazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dak li wassal ghall-incident de quo u ghall-feriti li ssubixxa Carmel Tabone ma kienx in-nuqqas evidenti ta' tharis tal-ligijiet u r-regolamenti izda n-nuqqas ta' hsieb li wera l-vittma stess Carmel Tabone meta huwa gie biex jaqsam it-triq, u dan meta kien hu stess li kien bil-wieqfa fuq il-bankina jistenna biex jaqsam meta f'dik l-istess triq hemm zewg *pedestrian crossings* wahda ftit 'il fuq u l-ohra l-isfel. Illi ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta mill-espert tat-traffiku Mario Buttigieg li l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu. Il-kawza tal-incident ma kienx is-sewqan tal-imputat izda kien l-agir inaspettat tal-vittma li kkreja emergenza subtianea lil-konducent imputat li kien ghaddej fi triq principali ghall-affarijiet tieghu. Minn imkien ma jirrizulta li f'xi hin l-imputat kien negligenti u dan ghaliex kif jghid l-imputat stess a tempo vergine tal-investigazzjoni meta sehh fl-atti tal-inkjesta huwa ra lill-vittma xi erbgha metri 'l boghod meta kienet ghadha fuq il-bankina u dak il-hin huwa ghafas il-

break pero’ cio nonostante l-vittma qasmet u huwa laqghatha. Issa jekk l-imputat ra lill-vittma meta kienet daqshekk boghod zgur li l-vittma kellha tara lill-imputat li kien ghaddej bil-vettura tieghu. Ghalhekk il-Qorti thoss li l-vittma mhux kredibbli meta jghid erbgha snin u nofs wara l-incident li huwa hares lejn ix-xellug u l-lemin qabel ma ddecieda jaqsam u huwa aktar veritier li jinghad li l-vittma ma setghax jiftakar dak li ghamel qabel l-incident minhabba li tilef il-memorja kif stqarr hu f’Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) meta ttenta jixhed fl-atti tal-inkjesta.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-imputat seta’ ra lill-vittma fuq il-bankina jistenna biex jaqsam kif semma l-espert Mario Buttigieg fir-relazzjoni tieghu ma jfissirx li l-imputat kellu l-obbligu li jnaqqas l-ispeed f’dak il-mument li kien riesaq lejh stante li kien gia ghadda wahda mill-*pedestrian crossing* fejn ma jirrizultax li kien hemm xi hadd jistenna biex jaqsam u kien ghadu ma avvicinax il-*pedestrain crossing* l-ohra. A contrario senso dan ifisser li l-imputat kellu l-obbligu li jibqa’ ghaddej u ma kellux ghalfejn jahseb li l-vittma seta’ qabad u jaqsam it-triq u johloq *emergenza subitanea* lilu. Zgur li ma kellux ghalfejn jipprevjeni dak li kien ser jaghmel il-vittma.

L-imputat gie akkuzat ukoll bi ksur tal-**Artikolu 15 tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ li saq b’manjiera traskurata u negligenti. Illi jirrizulta minn ezami tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta’ Frar 2011 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Andre Apap** fejn dik il-Qorti ghamlet referenza

għas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) fejn hemm indikat it-tifsira ta' dawn it-tipi ta' sewqan, ingħad li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. **Sewqan perikoluż** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' periklu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-periklu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluzi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel."*

Issa kif jispjega l-ġurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha,

l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero' l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva ndiretta.

Illi m'hemmx dubju li l-imputat gie akkuzat b'att kolpuz u cioe' li kkaguna feriti ta' natura gravi nvolontarjament minhabba kulpa. Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att u r-rizultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri** per Imhallef Harding li:

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite (sottolinear ta' din il-Qorti) for responsibility to exist.*"

Fil-fatt ikompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence,*

*imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu **Commentario al Codice Penale Italiano** (Vol III, 1622, pg. 286***)*** jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Frar 1958, fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Vella**, gie ritenut li:

"*...Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta' tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief id-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista' ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*"

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kif spjegati aktar il-fuq din il-Qorti ma thossx li l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident in kwistjoni u

ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 218(1)(a)(b), 226(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CHARLTON DIACONO hati u tilliberah minn kull akkuza.

Il-Qorti rat it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat illi l-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------